MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 3018/2002

**David Curmi u martu Mariella Curmi**
**bhala legittimi rapprezentanti ta’**
**binhom minuri Ian Curmi**

**Vs**

**Brian Darmanin**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur nominee talbu l-hlas tas-somma ta’ mitt lira Maltija (Lm100) rapprezentanti servizzi rezi mill-minuri Ian Curmi lill-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenuti li permezz taghha ecepixxa t-tpacija u ressaq talba rikonvenzjonali ghall-hlas tad-danni allegatament ikkagunati minn Ian Curmi.

Ra li ghalkemm ir-risposta u t-talba rikonvenzjonali gew notifikati, ma saritx risposta ghalihom. B’danakollu fil-kors

tas-smiegh tal-kawza l-atturi nomine kkontestaw it-talba tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' mitt lira Maltija.

Semgha x-xhieda.

Ra l-atti.

Ikkunsidra:-

1. Meta l-konvenut ecepixxa t-tpacija gie li ammetta li huwa debitur ta' l-atturi nomine [ara f'dan is-sens is-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **MARIA CONCETTA DALLI vs PAUL BORG** deciza fit-8 ta' Mejju 2003:- *"kif sewwa gie rilevat fir-rikors ta' l-appell l-eccezzjoni tat-tpacija necessarjament timplika ammissjoni tad-debitu reklamat"*].

2. Illi dak li jrid jinvestiga t-Tribunal huwa jekk l-atturi nomine ghandhomx jaghtu xi flus lill-konvenut. Il-konvenut attribwixxa lill-konvenut b'negligenza b'rizultat ta' liema huwa sofra danni. Hekk per ezempju spjega li f'okkazzjoni minnhom il-konvenut kien:-

(a) Hareg il-qarnit mill-freezer u hallieh fuq il-bank bir-rizultat li dawn baqghu hemm u nitnu; u

(b) Halla l-bieb ta' l-istore miftuh u nsterqu tmien (8) kaxxi tal-birra.

3. Min-naha tieghu l-attur cahad dak li qieghed jallega l-konvenut fil-konfront tieghu, ghalkemm jiftakarhom bhala incidenti.

4. It-Tribunal huwa rinfaccjat b'zewg verzjonijiet li huma kontrastanti ghal xulxin. Mill-provi rrizulta li mhux l-attur biss kellu access ghall-istore u dan peress li kien hemm haddiema ohra. Dan apparti l-fatt li minkejja dawn l-allegati incidenti ta' traskuragni, il-konvenut ma ha l-ebda provvediment kontra l-attur.

5. Fic-cirkostanzi t-Tribunal m'huwiex moralment konvint li ghandu jemmen verzjoni ghas-skapitu ta' ohra. Sahansitra l-konvenut stess ikkonferma li mieghu l-attur

qatt ma ammetta r-responsabbilta. L-oneru tal-prova huwa fuq il-konvenut, li fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz ma rnexxilux jaghti prova li l-attur Ian Curmi kien il-persuna responsabbli ghall-incidenti li semma l-konvenut.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi nomine s-somma ta' mitt lira Maltija (Lm100), filwaqt li qieghed jichad it-talba rikonvenzjonali.

Spejjez huma ghak-karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------